# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 185/2015**

Il-Pulizija

vs

**Jehad Almari**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207710(L)

Illum, 9 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jehad Almari quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-17 ta' Novembru 2014 12:30 PM bil-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni HV07FXE, NG06XFP, ML07XTD gewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara:

[1] Iggestixxa xi attivita kummercjali fit-triq, inkluz bejgh, tiswija jew xi hasil f'xi parti tat-triq ta' vetturi, bil-hsieb ghall-bejgh, fejn il-vettura kienet immarkata bi kliem li jindikaw l-intenzjoni ghall-bejgh (L.S. 441.07 Tieni Skeda Sec 0.5);

[2] Kellu vettura bil- mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza minghajr ma kellha licenza mahruga mill-Awtorita ghat- Trasport f" Malta u naqas li ggeddida kull sena (L.S. 368.02 Artiklu 13 (1);

[3] Halla vettura f'xi triq kontra xi regolamenti dwar ipparkjar jew f'qaghda jew f'cirkostanza b'mod li kienet ta ' periklu jew ta ' xkiel lil nies ohra li juzaw it-triq (L.S. 65.11 Artiklu 74).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati, ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €450.00 liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €50.00 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Gunju 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc ta' l-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htieqa ta' ebda att gudizzjarju iehor.

Rat ir-rikors tal-appellant Jehad Almari minnu pprezentat fil-21 ta’April, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena nflitta ta' erba' mija u hamsin euro (€450) u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi huwa veru li l-pulizija sab lill-appellant bit-tlett vetturi barra pero' ir-raguni kienet li kien qieghed jahsel is-showroom tieghu. Bhala fatt is-showroom tesa tlett karrozzi biss u allura huwa kredibli meta l-esponenti kellu johroghom biex jahsel is-showroom; bhala fatt jirizulta ukollli l-pulizija li rah kien qallu biex idahhalhom u li ma kienx ser iharku.

2. Illi l-esponenti ilu f’dan in-negozju ghal hames snin u qatt ma tresaq i1-Qorti fuq akkuzi simili u dan juri l-imgieba tajba tal-esponenti u 1i josserva il-1igi. Illi l-intenzjoni cara ta' 1-esponenti ma kienitx illi jbiegh i1-vetturi barra t-triq imma li jahsel is-showroom minn gewwa.

3. Ghar-rigrward it-tielet akkuza din zgur ma tirizultax minhabba l-fatt li s-showroom tal-esponenti tinsab fl-aktar parti wisgha ta' Naxxar Road. Tant illi minkejja li jghadu zewg xarabanks kontra xulxin jibqa' spazzju sabiex jghadu vetturi ohra u gha1hekk zgur ma kienx ta' periklu jew xkiel ta' nies li juzaw it-triq.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u minghajr ammisjoni ta' htieja l-piena nflitta hija ezegerata u 1-esponenti jimmerita piena nqas tenut kont tac-cirkustanzi kollha tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz kien wiehed sommarja u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti qudiem din il-Qorti ebda wahda mill-akkuzi migjuba kontra l-appellant ma giet ippruvata.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni tilqa l-appell ta' Jehad Almari. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull piena u htija.